# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**MHALLEF**

**ONOR. LORRAINE SCHEMBRI ORLAND**
**LL.D., M.Jur. (Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**

**Seduta ta' nhar il-Hamis, 30 ta' Marzu 2017**

**Kawza Numru : 15**
**Rors Guramentat Numru : 28/2017/LSO**

**Jason Tanti detentur tal-karta tal-identita` numru 0267674(M) u martu Ekaterina Sergeevna Abrossimova detentrici tal-karta tal-identita` numru 0356406(L) f'isimhom prorpju u in rapprezentanza ta' binthom minuri Veronica-Caprice Tanti**

**vs**

**Direttur tar-Registru Pubbliku**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ir-rikors mahluf ta' Jason Tanti u martu Ekaterina Sergeevna Abrossimova *proprio et nomine* datat 11 ta' Jannar 2017 fejn esponew: -

Illi l-esponenti Jason Tanti u martu Ekaterina Sergeevna Abrossimova huma l-genituri tal-minuri Veronica-Caprice Tanti li twieldet fl-Isptar Mater Dei Tal-Qroqq, Msida, Malta, fis-sebgha (7) ta' Marzu, 2016 - kopja tac-certifikat tat-twelid bin-numru tal-iskrizzjoni 1321 anness u mmarkat bhala Dok. 'A'. Ghal kull buon fini r-rikorrenti qeghdin jesebixxu wkoll ic-certifikat taz-zwieg taghhom anness u mmarkat bhala Dok. 'B';

Illi d-dettalji tar-rikorrenti Ekaterina Sergeevna Abrossimova u cioe` omm il-minuri Veronica-Caprice Tanti, gew indikati erronjament fic-certifikat tat-twelid fis-sens illi fis-sezzjoni tat-taghrif dwar l-isem u l-kunjom, ir-rikorrenti <u>giet indikata bhala Ekaterina Sergeevna Serova *nee`* Serova</u> meta fil-fatt isimha u kunjomha huma <u>Ekaterina Sergeevna Abrossimova nee' Serova,</u> kif jirrizulta mill-karta tal-identita` taghha stess, anness u mmarkat bhala Dok. 'C' u kif kien gie korrettament indikat fl-Atti tat-Twelid tat-tfal l-ohra tal-partijiet li huma: Victoria-Kathleen Tanti, Nathan Tanti u Caden Tanti, liema certifikati huma annessi u mmarkati bhala Doks 'E', ‘F’ u 'G';

Illi dan kien rizultat ta' zball genwin da parti tar-rikorrenti meta rregistraw it-twelid tal-minuri Veronica-Caprice Tanti fir-Registru Pubbliku. Effettivament il-kunjom tat-twelid tar-

rikorrenti Ekaterina Sergeevna Abrossimova huwa Serova, filwaqt li Abrossimova huwa l-kunjom tar-ragel Russu li mieghu hija kienet mizzewga qabel ma' tali zwieg gie xjolt permezz ta' ordni ta' Divorzju, pero` hija kienet zammet tali kunjom, hekk kif jirrizulta mic-certifikat taz-zwieg ezebit;

Illi qabel ma saret din il-kawza, ir-rikorrenti proprio pprezentaw rikors quddiem il-Qorti ta' Revizjoni tal-Atti Notarili sabiex isir korrezzjoni fl-Att tat-Twelid Numru 1321 tal-minuri Veronica-Caprice Tanti. Illi dan ir-rikors kien sar b'urgenza peress li dak iz-zmien, ir-rikorrenti kienet ir-Russja u l-Awtoritajiet Russi kienu indunaw bl-izball u qalulha li qabel ma tirranga ic-certifikat kien ser ikollha problemi biex terga' ssiefer bil-minuri. Qeghdin jigu ezebiti l-Atti li saru quddiem il-Qorti ta' Revizjoni Notarili, li ghal kull boun fini qeghdin jigu annessi u mmarkati bhala Dok. 'D 1 sa 11';

Illi kif jirrizulta mid-dokumenti mmarkati Dok. 'D. 1 sa D.11', id-Direttur tar-Registru Pubbliku ma kienx oppona t-talba tar-rikorrenti sabiex tigi awtorizzata l-korrezzjoni tal-Att tat-twelid tal-minuri Veronica-Caprice Tanti, fis-sens li fil-kolonna intestata Isem u Kunjom tal-omm, il-kliem Ekatrerina Sergeevna Serova nee' Serova, jigu kancellati u jigu sostitwiti bil-kliem Ekaterina Sergeevna Abrossimova *nee*` Serova, izda b'Digriet tal-Qorti it-talba kienet giet michuda u dan ghar-ragunijiet ta' kompetenza tal-Qorti stess, hekk kif tirrizulta mill-kopja tad-Digriet ezebit u mmarkat bhala Dok. D. 10 u D.11;

Illi *in vista* ta' dan, sal-lum ma setax isir il-korrezzjoni tal-Att tat-twelid tal-minuri Veronica-Caprice Tanti;

Illi ic-certifkat tal-Att tat-Twelid ta' Veronica-Caprice Tanti ghandha dettalji zbaljati bil-konsegwenza li dan l-Att ma jirriflettix dak rikjest *ai termini* tal-Artikolu 234 u 278 (e) tal-Kap.16;

Illi inoltre u sakemm issir din il-korrezzjoni, r-rikorrenti Ekaterina Sergeevna Abrossimova ma tistax ssiefer wahedha bil-minuri u dan minhabba l-problemi li kellha l-ahhar darba li marret izzur il-familjari taghha ir-Russja;

Ghaldqastant u *in vista* tas-suespost, ir-rikorrenti *proprio et nomine* jitolbu bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:

1. Tordna u Tawtorizza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex jaghmel il-korrezzjoni mitluba fl-Att tat-Twelid Numru 1321 relattiv ghall-minuri Veronica-Caprice Tanti illi twieldet fis-sebgha (7) ta' Marzu 2016, billi fil-kolonna intestata 'Isem u Kunjom tal-Omm' ii-kliem 'Ekaterina Sergeevna Serova nee` Serova' jigu kancellati u jigu sostitwiti bil-kliem 'Ekaterina Sergeevna Abrossimova nee` Serova', u dan *ai termini* tal-Artikolu 253 et seq. tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta u dejjem salv kull ordni u provvediment iehor li din l-Onorabbli Qorti jidhrilha xieraq u opportun.

Bl-ispejjez kontra l-intimat Direttur li minn issa huwa ingunt ghas-subizzjoni

Rat li din il-kawza giet appuntata ghas-smigh ghas-seduta tal-21 ta' Frar 2017.

Rat ir-risposta guramentata tad-Direttur tar-Registru Pubbliku datata 16 ta' Frar 2016 (fol 30) fejn Dr Byron Camilleri ghan-nom u in rapprezentanza ta' l-istess Direttur tieghu ddikjara u kkonferma :-

1. Illi *in limine litis* huwa mehtieg li b'ordni tal-Qorti, ta' lanqas hmistax-il gurnata qabel is-smigh tal-kawza ssir id-debita pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern *a tenur* **tal-Artikolu 254 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;**

2. Illi minghajr pregudizzju ghal dak fuq espost l-esponenti jirrimetti ruhu ghad-decizjoni ta' dina l-Onorabbli Qorti salv pero' illi jigi sottomess illi huwa nizzel id-dettalji tal-isem u kunjom tal-omm hekk kif dikjarati minn notifikant innifsu kif jidher kemm mill-firma fuq l-att tat-twelid bin-numru 1321 tas-sena 2016 u kif ukoll mir-rikors guramentat stess;

3. Illi bla pregudizzju ghal dak suespost l-esponent jissottometti illi fi kwalunkwe kaz l-azzjoni tar-rikorrenti mhijiex attribwibbli ghal xi ghemil jew nuqqas ta' agir ta' l-esponent u kwindi l-esponent Direttur m'ghandux jigi assoggettat ghall-ispejjez tal-kawza istanti *stante* illi hu nizzel isem u kunjom missier ir-rikorrent skont kif gie dikjarat lilu mid-dikjarant li ffirma wkoll l-istess att;

4. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez kontra r-rikorrent li qieghed jigi ingunt in subizzjonli.

Rat il-verbal tas-seudta tal-Hamis, 9 ta' Marzu 2017 fejn meta ssejhet il-kawza dehret Dr Stephanie Ellul ghad-Direttur Intimat. Dehret Dr Travers Tauss ghar-rikorrenti prezenti fl-Awla, li prezentat nota b'dokumenti, u ghaddiet kopja tal-istess lid-difensur tal-kontro-parti, u iddikjarat li m'ghandhiex provi aktar. Dr Stephanie Ellul iddikjarat ukoll li m'ghandhiex aktar provi. Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghat-30 ta' Marzu 2017 fid-9:30a.m.

Hadet konjizzjoni tal-provi prodotti.

## II. <u>KONSIDERAZZJONIJIET</u>

Illi din il-kawza qed issir *ai termini* tal-**artikoli 253 *et sequitur*** tal-Kodici Civili li jaghtu dritt lil kull persuna li taghmel talba gudizzjarja ghall-korrezzjonijiet fir-registrazzjoni ta' ismijiet fl-atti tal-istat civili.

Illi l-pubblikazzjoni *ai termini* tal-**artikolu 254 tal-Kap 16** tal-ligijiet ta' Malta saret debitament fit-18 ta' Jannar 2017 (fol 25-26) u b'hekk l-ewwel eccezzjoni tad-Direttur intimat hija sorvolata.

Illi r-rikorrenti qed jitolbu li l-att tat-twelid ta' binthom minuri jigi korrett fis-sens li fis-sezzjoni tat-taghrif dwar 'Isem u Kunjom ta' Omm it-tarbija', isem ir-rikorrenti jigi korrett ghal "Ekaterina Sergeevna Abrossimova nee` Serova" minflok kif gie indikat bhala "Ekaterina Sergeevna Serova nee` Serova".

Ikkonsidrat li l-intimat irrimetta ruhu ghad-decizjoni tal-Qorti ghal dak li jikkoncerna l-mertu ta' din il-kawza.

In sostenn tat-talbiet taghhom ir-rikorrenti esebew kopji tal-karta tal-identita` taghha Dok C (fol 6), ic-certifikat taz-zwieg tar-rikorrenti Dok B (fol 5) u l-att tat-twelid tat-tlett ulied ohrajn taghhom, Dok E, F, G (fol 18-20) fejn isimha u kunjomha huma indikati bhala "Ekaterina Sergeevna Abrossimova nee` Serova." Inoltre`, gie esebit ukoll, ic-certifikat tac-cittadinanza taghha Dok MTT1 (fol 35) fejn kunjomha hu indikat bhala Abrossimova nee` Serova.

Illi gie kkonfermat mir-rikorrenti fl-affidavit taghha, li isimha huwa Ekaterina, it-tieni isem taghha hu Sergeevna u kunjomha hu Abrossimova u kunjom xbubitha hu Serova. Qalet li kemm fic-certifikat taz-zwieg taghha mar-rikorrent, u kemm fic-certifikat tac-cittadinanza esebit a fol 35, u kif ukoll fl-att tat-twelid tat-tlett ulied l-ohra tar-rikorrenti, kunjomha hu indikat Abrossimova nee` Serova.

Fid-dawl tal-affidavit u d-dokumenti esebiti, din il-Qorti hija tal-fehma li t-talba tar-rikorrenti hija gustifikata kif trid il-Ligi.

Izda, taqbel mal-intimat li ma jirrizultax li sar zball da parti tal-intimat fir-registrazzjoni tal-att tat-twelid ta' bint ir-rikorrenti, hekk kif ammess fit-tielet premessa tar-rikors promotur, peress li kien zball genwin da parti tar-rikorrenti. Ghalhekk, taqbel li l-intimat m'ghandux jigi addebitat bl-ispejjez tal-kawza.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi**, billi tilqa' t-talba tar-rikorrenti u

konsegwentement tordna lill-intimat biex jikkoregi l-att tat-twelid numru 1321 tas-sena 2016 billi fil-kolonna intestata "Isem u Kunjom tal-Omm", il-kliem "Ekaterina Sergeevna Serova nee` Serova" jigi jostitwiti bil-kliem "Ekaterina Sergeevna Abrossimova nee` Serova".

Tordna li d-Direttur tar-Registru Pubbliku jigi nnotifikat b'kopja ta' din is-sentenza *ai termini* tal-**Artikolu 256** tal-Kodici Civili sabiex fiz-zmien li trid il-ligi, issir id-debita korrezzjoni hawn fuq ordnata.

**L-ispejjez jithallsu mir-rikorrenti.**

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Lorraine Schembri Orland**
**LL.D., M.Jur.(Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**
**30 ta' Marzu 2017**

**Josette Demicoli**
**Deputat Registratur**
**30 ta' Marzu 2017**